**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2015**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 91/2011**

**Hompesch Station Limited**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta,**
**L-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi u**
**b'nota tas-6 ta' Novembru 2015**
**ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**
**qed jassumi l-atti tal-proceduri minflok**
**L-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi,**
**Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u**
**b'nota tal-5 ta' Novembru 2014**
**il-Ministru ghall-Energija u s-Sahha qed jassumi l-atti**
**tal-proceduri minflok il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali,**
**il-General Retailers and Traders Union**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-31 ta' Jannar 2011 li jghid hekk:

1. Illi nhar l-10 ta' Mejju, 2000 l-esponenti xtrat minghand Velga Brothers Limited u bdiet topera petrol station gewwa Haz Zabbar minn fejn kienet tbiegh il-karburant, partikolarment diesel u petrol u prodotti ohra simili li hi kienet tixtri minghand il-Korporazzjoni intimata li hija l-uniku provveditur tal-prodotti msemmija. L-esponenti baqghet tiggestixxi il-petrol station sa ma bieghhitha lil terzi nhar id-9 t'Awwissu, 2010.

2. Illi l-Korporazzjoni intimata kienet tikkoncedi lill-pompi tal-petrol kummissjoni bazika ta' €0.0295 ghal kull litru mixtri mill-prodotti fuq indikati, liema kummissjoni kienet tinghata fil-forma ta' discounts fuq il-prezz ta' karburant mixtri.

3. Illi fit-18 ta' Marzu, 1997 kien intlahaq ftehim bejn l-intimati General Retailers and Traders Union (GRTU) u l-Korporazzjoni Enemalta [kopja tal-ftehim annessa bhala Dok. H1] illi permezz tieghu il-kummissjoni moghtija kellha tizdied ghal €0.0388 kull litru ta' petrol u diesel dment illi l-pompi tal-petrol (i) jistallaw pompi awtomatici (automated pumps) fejn il-pagament isir fil-magna stess u (ii) joperaw biss fil-hinijiet indikati fl-istess ftehim. Sidien tal-pompi li ma jissottomettux ruhhom ghal dan il-ftehim kellhom jigu penalizzati billi jigi dedott l-ammont ta' € 0.0093 mill-kummissjoni imsemmija u dan ghal kull litru petrol jew diesel skond il-kaz.

4. Illi l-kumpanija Velga Brothers Limited, illi fiz-zmien imsemmi kienet tiggestixxi l-petrol station, stallat pompi awtomatici kif imsemmi fil-ftehim, izda sussegwentement bdiet topera sistema semi-awtomatika fejn il-konsumatur personalment jimla l-vettura tieghu bil-karburant imma mbaghad ihallas lill-kaxxier.

5. Illi din is-sistema irrizultat ferm popolari mal-konsumaturi tant illi kien hemm zieda konsiderevoli fil-bejgh meta mqabbel ma' pompi ohra li juzaw is-sistema awtomatika.

6. Illi wara pressjoni minn kompetituri tar-rikorrenti illi kienu membri tal-GRTU, il-Korporazzjoni intimata sostniet illi Velga Brothers Limited ma kinitx qed tottempera ruhha mal-kundizzjonijiet tal-ftehim u ghalhekk ma kinitx intitolata ghal zieda fil-kummissjoni.

7. Illi inoltre, nhar il-11 ta' Frar, 1999 il-GRTU iccirkolat lill-operaturi ta' petrol stations decizjoni taghha mehuda waqt il-Laqgha Annwali tal-5 ta' Jannar, 1999 illi permezz taghha (i) l-ebda persuna ma kellha tkun prezenti fil-pompi tal-petrol wara s-sitta ta' filghaxija jew fi Hdud u festi pubblici u (ii) l-uniku servizz li dawn il-pompi kellhom jaghtu lill-klijenti taghhom barra l-hinijiet tal-ftuh kellu jkun esklussivament permezz ta' automatic pumps li jircievu flus jew karti ta' kreditu.

8. Illi b'risposta ghal din l-azzjoni, Velga Brothers Limited intavolat ilment quddiem l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta li, nhar it-2 ta' Dicembru, 1999, iddecieda li l-azzjoni li sar ilment dwarha ghandha titqies anti-kompetittiva u projbita ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 [kopja annessa bhala Dok. HZ].

9. Illi cjononostante, il-ftehim tal-1997 gie uzat bhala bazi ghal ftehim gdid bejn l-istess GRTU u l-Korporazzjoni Enemalta fejn gie miftiehem (i) illi l-kummissjoni kellha tizdied b'€0.0069 kull litru (ii) illi l-petrol stations kellhom issa joffru servizz ta' 24 siegha kuljum lill-konsumatur (iii) illi barra l-hinijiet tal-ftuh is-servizz tal-petrol stations kellu jinghata biss permezz ta' pompi awtomatici u li ma kellu jkun hemm ebda attendant.

10. Illi b'riflessjoni ta' dan il-ftehim, u tad-“decizjoni” li kienet hadet il-GRTU fl-1999, nhar is-17 ta' Jannar, 2001 l-Enemalta dahhlet klawzola fil-licenzja maghrufa bhala "PS 45" li kienet tghid li l-unici petrol stations awtorizzati jaghtu servizz lill-pubbliku wara l-hinijiet normali tal-ftuh kellhom ikunu dawk li juzaw sistema awtomatika:
"outside normal hours

Mondays to Fridays 6.00am to 6.00pm Saturdays 6.00am to 3.00pm
Petrol stations may operate their pumps using the "automated mode pumps" only, without any assistance of any attendant or the owner of the pump".

11. Illi sadanittant, fl-10 ta' Mejju, 2000 ir-rikorrenti kienet xtrat il-pompa minghand VeIga Brothers Limited.

12. Illi ghalhekk fit-13 ta' Settembru, 2001, ir-rikorrenti bhala l-operatrici l-gdida tal-petrol station, ipprezentat ilment mal-intimata Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi in vista tal-obbligi ta' din l-awtorita li tkun ir-regolatur u li tassigura kompetizzjoni gusta fil-kamp tar-rizorsi ta' energija, ilma u minerali ai termini tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta [kopja tal-ilment annessa bhala Dok. H3, sottomissjonijiet li saru lill-Awtorita annessi bhala Dok. H4, korrispondenza mal-Awtorita annessa bhala faxxikolu Dok. H5].

13. Illi l-Awtorita msemmija, f'decizjoni tal-24 ta' Settembru, 2002 [kopja annessa Dok. H6] ikkonkludiet illi l-Korporazzjoni Enemalta kellha thallas lir-rikorrenti l-kummissjoni shiha "for as long as the Complainant offers a 24-hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service". Inoltre, nhar is-7 ta' Novembru, 2002 l-Awtorita intimata harget direttiva fil-konfront tal-Korporazzjoni intimata fejn ordnatilha illi ma tibqax tiddiskrimina bejn metodi ta' distribuzzjoni u sabiex thallas lir-rikorrenti l-istess kummissjoni li kienu qed jithallsu l-pompi li juzaw is-sistema awtomatika.

14. Illi bi ksur car tal-ordnijiet tal-Awtorita intimata, mhux talli l-Korporazzjoni Enemalta ma waqqfitx l-agir anti-kompetittiv taghha, izda talli, f’ittra tas-27 ta' Novembru, 2002 [Dok. H7], insistiet illi sabiex ir-rikorrenti tuzufruwixxi mill-kummissjoni revizjonata, hija kellha tiffirma dikjarazzjoni biex tintrabat illi wara "hinijiet normali tal-ftuh" tuza esklusivament "automated pump system" minghajr ebda attendant fuq il-post. Ir-rikorrenti Hompesch Station Limited iffirmat tali obbligu fis-27 ta' Marzu, 2003 izda insistiet li qed taghmel dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet lilha spettanti [Dok. H8].

15. Illi sadanittant dan il-ftehim anti-kompetittiv rigward hinijiet tal-ftuh u l-modalita tas-servizz matul dawn il-hinijiet gie sahansitra inkorporat u ikkristallizzat f’Avviz Legali [numru 102 tal-2002 - estratt ezebit Dok. H9]. Ir-rizultat ta' dan kien illi kull meta r-rikorrenti, abbazi tad-decizjoni favuriha tal-MRA, ippruvat tiftah wara l-hinijiet legali bil-prezenza ta' attendant, ittiehdu passi kriminali kontra d-diretturi taghha ghal ksur tal-Avviz Legali msemmi wara rapporti lill-Pulizija li jidher li kienu jsiru mill-GRTU jew membri taghha.

16. Illi l-kumpanija rikorrenti baghtet diversi ittri lill-intimata Awtorita Maltija Dwar ir-Rizorsi [faxxikolu anness bhala Dok. H10] li, f’ittra tat-28 ta' Mejju, 2004 infurmat lir-rikorrenti illi "the Authority is in the process of over-viewing the whole regulatory regime of petrol stations" u li l-Avviz Legali 102 tal-2002 "will be reviewed and incorporated in legislation subsidiary to the Malta Resources Authority Act" [Dok. H11]. Ir-rikorrenti giet ukoll assikurata illi "the implementation of the new regime is foreseen to be in the short term". Minkejja dan, l-Avviz Legali gie sussegwentement sostitwit bl-Avviz Legali 1 tal-2006 illi ghadu jirrifletti l-ftehim anti-kompetittiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-GRTU u ghadu sallum applikabbli. Ir-rikorrenti baghtet

ukoll wkoll ittri lill-Consumer and Competition Division [Dok. H12] u lill-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta [Dok. H13], minbarra li baqghet f'kuntatt kontinwu mal-Awtorita Maltija ghar-Rizorsi [Dok. 14].

17. Illi fl-2005 ir-rikorrenti ressqet l-ilmenti taghha dwar din is-sitwazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea [kopja tal-ilment annessa bhala Dok. H15], li pero stednitha sabiex l-ewwel tirraporta lill-Ufficju tal-Kummerc Gust f'Malta [faxxikolu ta' korrispondenza anness bhala Dok. H16]. L-ilment ghalhekk tressaq quddiem l-Ufficju tal-Kummerc Gust fl-4 ta' Jannar, 2006 [Dok. H17] u dwar dan inghatat decizjoni minn dan l-Ufficju fis-17 ta' Marzu, 2009 li giet indirizzata lir-rikorrenti, lill-intimati Korporazzjoni Enemalta u lill-GRTU [Dok. H18].

18. Illi l-Ufficju tal-Kummerc Gust sab ksur tal-Ligijiet tal-Kompetizzjoni tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u dan ghaliex, skond l-Ufficju:
(i) The individual undertakings [made by] members of GRTU through their collusion
(ii) The agreements between GRTU and Enemalta, which agreements constitute a decision
(iii) The individual agreements between Enemalta Corporation and the petrol station owners
Infringed Article 5(1) of the Competition Act 1994 by
(a) Fixing trading conditions in the retail fuel market (b) Limiting or controlling the retail fuel market
(c) Imposing the application of dissimilar conditions to equivalent transactions with other parties outside such agreement, thereby placing them at a competitive disadvantage.

19. IIi l-Ufficju tal-Kummerc Gust sab ukoll iIi l-Avviz Legali 1 tal-2006 jirrepeti kelma b'kelma il-licensing conditions anti-kompetittivi tal-Enemalta u fid-dawl ta' dan irrakkomanda iIi bil-liberalizzazzjoni tas-suq, dawn ir-restrizzjonijiet anti-kompetittivi ghandhom jitnehhew. Madanakollu, l-Ufficju iddecieda iIi ma kellux il-poter li jiddikjara tali Avviz Legali anti-kompetittiv u bla effett u dan ghaliex ma rrizultalux illi l-agir anti-kompetittiv jaffettwa n-negozju bejn stati membri tal-Unjoni Ewropea, bi ksur tal-artikolu 81 u 82 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita Ewropea.

20. IIi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata Korporazzjoni Enemalta talbu lid-Direttur tal-Ufflcju tal-Kummerc Gust jissottometti d-decizjoni ghall-istharrig tal- Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust kif fil-fatt sar.

21. Illi f'decizjoni moghtija nhar id-29 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet Hompesch Service Station Limited v Korporazzjoni Enemalta, il-Gvern ta' Malta u l-Awtorita Maltija dwar ir-Rizorsi (Ilment 1/2009) [kopja tad-decizjoni annessa bhala Dok. H19] l-Kummissjoni sabet:
(a) illi l-ftehim li l-intimata GRTU lahqet mal-Korporazzjoni Enemalta fit-18 ta' Marzu, 1997 u li baqa' jigi zviluppat ghal snin wara u sahansitra kristallizzat f'avvizi legali illi jorbtu lill-operaturi tal-pompi tal-petrol b'hinijiet ta' ftuh u metodologija ta' bejgh tal-fuel jikkostitwixxi akkordju, decizjoni jew prattika illi timpedixxi, trazzan jew ixekkel il-kompetizzjoni gusta bi ksur tal-ligi
(b) illi tali operat, kif orkestrat mill-GRTU ipprecipita lill-amministrazzjoni governattiva f'agir anti-kompetittiv ipprojbit u lill-Awtorita intimata f'inattivita regolatrici illi effettivament illimitaw u ikkontrollaw is-suq tal-bejgh tal-karburant.

22. Illi l-Kummissjoni sahansitra sejhet l-Avviz Legali 1 tal-2006 bhala "disprezz lejn il-principji kollha ta' kompetizzjoni gusta kif mifhuma fil-Komunita Ewropea" u, ghalkemm ikkonkludiet illi ma kellhiex il-poter li thassar l-Avviz Legali, ordnat illi d-decizjoni tigi trasmessa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex il-ligi tkun tista' tigi emendata.

23. Illi bhala konsegwenza diretta u konsistenti tal-agir diskriminatorju u anti-kompetittiv tal-Korporazzjoni Enemalta u GRTU, u tal-inattivita tal-Ministru u l-Awtorita intimati li anzi agevolaw tali agir illegali, il-kumpanija rikorrenti sofriet matul is-snin danni illi jikkonsistu inter alia f’nuqqas ta' hlas ta' kummissjoni shiha mill-intimata Korporazzjoni Enemalta kif ukoll f’telf ta' bejgh illi wassal ghal telf ta' profitti u kummissjoni. Dan it-telf jirrizulta car meta wiehed iqabbel il-volum ta' bejgh bis-sistema fully automatic ma' dak bis-sistema semi-automatic illi kienet ferm aktar popolari mal-konsumaturi.

24. Illi ghandu jinghad illi b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona tal-10 t'Awwissu, 2010 ir-rikorrenti bieghet il-pompa lil terzi pero ma sar ebda trasferiment ta' drittijiet ta' litigju u dan bl-intendiment illi kwalunkwe drittijiet u obbligi relatati mal-operat tal-pompa sad-data tal-bejgh taghha ikunu a karigu tal-kumpanija rikorrenti Hompesch Station Limited [Dok. H20].

25. Illi l-intimati, ghalkemm interpellati sabiex jaddivjenu ghal hlas tal-imsemmija danni inkluz b'ittri ufficjali tad-29 ta' Mejju, 2009 u tal-10 ta' Gunju, 2010 [Dok. H21 u H22] baqghu inadempjenti u ghalhekk qed issir din il-kawza.

GHALDAQSTANT, l-awtorita esponenti umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessaria u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara illi l-agir anti-kompetittiv u diskriminatorju tal-intimati jew min minnhom ikkawza danni lir-rikorrenti Hompesch Station Limited konsistenti inter alia izda mhux limitatament f’telf ta' kummissjoni u ta' profitti;

(ii) tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti, okkorrendo bl-intervent ta' periti nominandi;

(iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-kumpanija rikorrenti id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2009 u tal-10 ta' Gunju, 2010 u bl-imghax legali kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita ta’ Malta dwar ir-Rizorsi li tghid hekk:

1. Illi subordinatament u bla pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi l-Awtorita ma tistax tinzamm responsabbli flimkien jew in solidum mal-konvenuti l-ohra ghal kwalunkwe operat tal-konvenuti l-ohra li jista' jigi dikjarat bhala llegali jew illecitu u/jew tali li jirrendi l-istess konvenuti l-ohra responsabbli ghal xi danni.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, ma kien hemm l-ebda agir min-naha tal-Awtorita li huwa illegali u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-fatt u fid-dritt peress illi l-esponenti agixxiet u qdiet il-funzjonijiet taghha entro l-parametri u drittijiet legali taghha, in buona fede u b'mod ragonevoli kif ukoll fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ikkommettiet ebda htija u ghalhekk l-esponenti ma tistghax tinstab hatja jew responsabbli ghal ebda allegati danni konsegwenzjali ghad-decizjonijiet, funzjonijiet, drittijiet jew operat taghha.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati favur l-atturi.

4. Salv risposti ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Korporazzjoni Enemalta li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament il-kawza attrici kif proposti hija nulla, insostenibbli u ghandha tigi michuda in kwantu kwalunkwe talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita u eventwali likwidazzjoni ta' danni kellha f'dawn il-proceduri stess tkun fl-ewwel lok preceduta b'talba ghal dikjarazzjoni li l-Korporazzjoni intimata kienet responsabbli civilment ta' delitt, liema dikjarazzjoni hija essenzjali ghal kawza ta' dan it-tip u ma tistax tigi rimedjata, u dan ghaliex skont il-principju sakrosant tad-distinzjoni bejn il-kawza civili u l-kawzi kriminali u/jew amministrattivi, tali responsabilita trid tigi stabbilita awtonomament f'dawn il-proceduri civili u bl-ebda mod ma' tista' tigi dedotta jew aghar u aghar mehuda bhala stabbilita minn process awtonomu iehor, penali jew amministrattiv, kif ipproponiet is-socjeta attrici fir-rikors promotur;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u sussidjarjament, ai termini tal-artikolu 2154(1) tal-Kap. 16, l-istess talbiet huma preskritti wkoll skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk ghandhom jigu rnichuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici;

3. Illi sussidjarjament fuq il-mertu, il-Korporazzjoni ma hi responsabbli ghall-ebda delitt civili li jemana minn ksur ta' ligi ghaliex anke l-Kummissjoni tal-Kumrnerc Gust sabet li l-prassi anti-kompetittiva stabbilita kienet temana mill-ftehim tal-1997 bejn l-Enemalta u l-GRTU, ossija ftehim ezegwit fi zmien meta l-Enemalta ma kienetx sindakabbli taht il-ligi tal-Kompetizzjoni, u mbaghad susegwentement mill-Avviz Legali Nru. 102 tal-2002, li ghalih certament ma tirrispondix l-Enemalta ghaliex evidentement l-Enemalta ma tippromulgax ligijiet. Kwindi l-esponenti qatt ma kienet responsabbli ghall-ebda delitt fil-konfront tar-rikorrenti u d-danni konsegwenzjali;

4. Illi sussidjarjament u wkoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ma jissusistix in-ness bejn il-kawza u l-effett rikjest mil-ligi sabiex l-Korporazzjoni Enemalta tigi dikjarata responsabbli ghad-danni anke ghaliex l-allegat agir antikompetittiv jemana mill-ftehim tal-1997 liema ftehim kienet parti fih l-istess socjeta rikorrenti u liema socjeta rikorrenti ma kienx baqa' joghgobha aktar dak il-ftehim semplicement ghaliex il-makkinarju li gabet biex topera taht dak il-ftehim kien difettuz. It-talbiet kif dedotti allura jippermettu lis-socjeta attrici tibbenefika mill-agir illegali taghha stess, ghaliex trid zewg nahat biex ikun hemm ftehim, haga li hija inammissibbli fil-kuntest ta'

kawza ghal danni civili anke jekk fil-kuntest tal-ligi tal-kompetizzjoni l-istess membri ta' ftehim illegali jistghu jkunu whistleblowers ta' agir antikompetittiv;

5. Illi in oltre u wkoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ghal rizarciment ta' danni konsistenti "f'telf ta' kummissjoni" hija legalment insostenibbli in kwantu dik il-kummissjoni dovuta mill-Enemalta lir-rikorrenti kienet se mai hekk dovuta taht dak l-istess ftehim tal-1997 u ftehim sussegwenti liema ftehim kemm fid-decizjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta kif ukoll fil-konferma permezz tas-sentenza tal-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust gew fuq istanza tal-attrici nfusha dikjarati nulli in kwantu jiksru d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta attrici ma tistax fl-istess nifs tmexxi biex tannulla dawk il-ftehim imbaghad f'istanza separata bhal din titlob il-hlas tal-kummissjoni spettanti lilha taht dak il-ftehim;

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-General Retailer and Traders Union li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament il-Union intimata m'hijiex il-legittima kontradittura ghat-talbiet rikorrenti u timmerita li tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju immedjatament stante illi l-ebda ftehim milhuq mill-Union konvenuta ma kien ta' pregudizzju lid-drittijiet tas-socjeta rikorrenti naxxenti mill-operat taghha ta' pompa tal-petrol stante illi l-istess Union dejjem hadmet in buona fede fl-interess tal-komunita kummercjali kollha inkluz l-istess rikorrenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti stante illi l-Union intimata qatt ma intralcjat fid-drittijiet tar-rikorrenti milli tezercita d-drittijiet privati taghha indipendentement u mhux tramite Union li hija debitament awtorizzataha sabiex tirrapprezentaha, u konsegwentement il-Union intimata qatt ma tista' tinzamm responsabbli ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni li qatt ma kienet f'pozizzjoni li tikkawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta rikorrenti qatt ma giet prekluza mill-Union intimata milli tinnegozja kummissjonijiet dovuta lilha mal-intimati l-ohra, jew min minnhom, indipendetement minn kwalunkwe ftehim milhuq mal-kompetituri taghha membri tal-Union intimata;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit jigi eccepit ukoll illi kull ftehim milhuq mill-GRTU mal-Enemalta jirrifletti l-interessi tal-membri taghha sidien ta' pompi tal-petrol f’pajjizna li ezercitaw id-dritt kostituzzjonali taghhom ta' assocjazzjoni u ghalhekk il-Union intimata ma tistax tinzamm responsabbli ghal hlas ta' kwalunkwe danni allegati mir-rikorrenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tad-9 ta' Lujlu 2015 li bih il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza nonostante li kien hemm appell mill-kawza ohra relatata numru 938/2010 u dana billi l-appell f’dik il-kawza ghadu mhux appuntat u f'kaz ta' appell minn dina s-sentenza, l-appelli jkunu jistghu jinstemghu flimkien;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Novembru 2015 b’talba ghal sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li wkoll giet michuda;

Rat l-atti u noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

**Ikkunsidrat**

**Provi**

George Attard, direttur tas-socjata rikorrenti, ikonferma r-rikors guramentat mahluf minn missieru Disma Attard. Ikkonferma li t-talba ghad-danni hija bbazata fuq il-fatt li huma gew mgieghla li, wara l-hinijiet tal-ftuh tal-pompa tal-petrol, juzaw biss sistema awtomatika biex ibieghu l-fuel, Huma kienu jippreferu li juzaw is-sistema 'semi awtomatika' fejn il-konsumatur jimla l-vettura huwa bil-petrol imbaghad ihallas lil kaxxier li jkun prezenti fil-pompa. Huma ghamlu snin juzaw dina s-sistema mbaghad kellhom jaqilbu ghal sistema awtomatika fil-31 ta' Marzu 2003 ghalkemm sa mill-2002 il-ligi kienet li kellhom juzaw sistema awtomatika biss. Huma kellhom decizjonijiet tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni Gusta u tal-MRA li jghidu li kien illegali li huma jigu mgieghla juzaw sistema partikolari ta' bejgh ta' fuel. Huma kellhom jaqilbu ghas-sistema awtomatika ghax kien qed ikollhom raids mill-pulizija, proceduri kriminali fil-Qorti u theddid mill-Enemalta li mhux se thallashom commission shiha. Huma ffinnaw ftehim mal-Enemalta fil-27 ta' Marzu 2003 under protest u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom. Meta bdew bis-sistema awtomatika mal-ewwel raw waqgha fil-bejgh tal-feul. Baqghu juzaw dina s-sistema sakemm bieghu l-pompa f'Awwissu 2010. Ghalkemm kellhom decizjonijiet favur taghhom, il-ligi baqghet kif kienet u ma tbiddlitx. Kienu qabbdu awditur, certu Brian Spiteri, biex jaghmel kalkolu

tad-danni li sofrew billi jqabbel l-bejgh li kienu ghamlu qabel u wara l-31 ta' Marzu 2003 meta qalbu fuq is-sistema awtomatika.

Brian Spiteri, accountant u awditur, xehed li kien gie inkarigat mir-rikorrenti biex jikkalkola d-danni li huma allegatament sofrew wara li gew imgieghla juzaw is-sistema awtomatika li rrizultat li kienet inqas popolari u waslet ghat-tnaqqis fil-bejgh. Hu mexa fuq il-kotba mizmuma mir-rikorrenti ghal-perjodu 1/6/2000 u 31/8/2010. Hu pprezenta Dok. BS1 li hu prospett tal-valur tal-fuel li r-rikorrenti xtaw minghand l-Enemalta; Dok. BS2 rendikont mibghut mill-Enemalta li fuqu hu bbazat il-prospett BS1; Dok. BS3 medja ta' litri ta' karburant mibjugh kuljum ghal perjodu 1/6/2000 u 31/8/2010; Dok. BS4 figuri ta' bejgh ta' fuel li fuqhom hu bazat il-prospett BS3. Il-medja ta' bejgh (perjodu fuq is-semi awtomatic) 14,004 litru kuljum u medja ta' bejgh fuq l-awtomatic 12,048.52 litru kuljum. Id-differenza hija ta' 1955 litru kuljum. Jekk timmultiplika l-ammont bir-rata ta' commission ta' Lm0.0197 (ghalkemm wara l-2003 din kienet gholiet) dan iwassal ghal Lm14,056.15 jew €32,742.02 fis-sena u ghal perjodu 2003-2010 iwassal ghal Lm104,249.78 jew €242,836.66

Anthony Rizzo, kap esekuttiv tal-MRA, xehed li skond id-decizjoni taghhom 00l/02/ED tal-24 ta' Settembru 2002 (Dok. MRA a fol. 322) l-Enemalta giet ordnata minnhom biex thallas lis-socjeta attrici commission bl-istess rata li hija thallas lill-operaturi tal-pompi tal-petrol l-ohra li joffru servizz ta' 24 siegha lill-konsumatur u dana rrispettivament mill-mod tal-operat tas-servizz. Dan hu kkonfennat ukoll fil-premessi tar-rikors promutur tas-socjeta attrici. Illi l-MRA ma kellha ebda setgha tannulla legislazzjoni (Avviz Legali 102/2002 u Avviz Legali 1/2006) li tkun giet fis-sehh, iktar u iktar meta ma tkunx harget taht l-Att dwar MRA. Hi setghet biss tipproponi mizuri legislattivi lill-legislatur. Dak iz-zmien meta harget id-decizjoni taghhom huma ma kellhom ebda mekkanizmu biex jenforzaw id-decizjoni taghhom, bhal administrative fine. Illi ghalhekk ma hemm ebda ness ta' kawzalita bejn l-agir korrett tal-MRA u l-allegat dannu li allegatament sofriet is-socjeta attrici. L-MRA lanqas tista' tinsab responsabbili billi hija kellha ggib ruhha b'certu mod u ma setghetx tagixxi awtonomament minhabba l-mizuri legislattivi imsemmija (Case T65/99 **Strintzis Lines** (2003) ECR 11 5433 para 119-122). Il-kondotta tal-MRA giet imposta fuqha mill-awtoritajiet nazzjonali minhabba l-imsemmija legislazzjoni (ara C-18/88 **RTT vs GB Inno-BM** (1991) u Case C320/91 **Corbeau** (1993).

Philip Caruana, prodott mill-MRA, xehed dwar il-kalkolu li ghamel Brian Spiteri u qal li minn ezami li ghamel tal-informazzjoni provduta mis-socjeta attrici ghar-rigward tal-bejgh mill-pompa bejn is-snin 2000 u 2003 (is-snin meta suppost dina s-sistema kienet popolari mal-konsumatur), irrizulta li l-aggregat tal-bejgh ghal dawn is-snin fir-realta naqas meta kkumparat ma' dak tas-sena 2000 meta l-pompa kienet ghada kif ghaddiet ghand is-socjeta attrici (Dok. PC1 a fol. 339). Il-volum tal-bejgh kien qed jizdied minn 1995 sa 2001. Fid-dokument PC2 (faxxikolu pprovdut mill-Enemalta) hemm il-bejgh mis-sena 1995 sa 2010. Jidher minn dina l-informazzjoni li t-trajettorja axxendenti tal-bejgh kienet ilha ghaddejja s-snin u ma kinitx direttament attribwibbili ghall-fattur imsemmi mis-socjeta attrici. B'referenza ghal Dok. BS3 u BS4 hu ma jaqbilx li ghandek tqabbel il-medja tal-bejgh aggregat ghal tliet snin biss (2000-2003) mas-sebgha snin ta' wara (2003-2010), imma ikun aktar statistikament korrett li tqabbel l-istess numru ta' snin biex jitnaqqas ir-riskju li jintaghzlu data points (f'dan il-kaz ta' bejgh annwali) li tirrendi l-medja bhala assimetrika. Ghandu jittiehed perjodu anqas ta' zmien biex jitqabbel ma' dak mehud mis-socjeta attrici. Ghalhekk ikun aktar gust li jigi kkumparat medja ta' bejgh aggregat ghal perjodu ta' zmien ugwali, jigifieri bejn 1/1/1995 u 31/12/2002 u 1/1/2003 u 31/12/2010 (ara Dok. PC3). Lilu rrizultalu li ma kienx hemm tnaqqis fil-medja tal-bejgh aggregat bejn iz-zewg perjodi ta' zmien, anzi kien hemm zieda fil-bejgh medju aggregat.

Fuq kontroezami wiegeb li hu qabbel is-seba snin ta' qabel ma dahal l-automated system u s-sebgha snin ta' wara. Hu ha in konsiderazzjoni li qabel il-2000 diga kien hemm is-sistema semi-awtomatika. Hu qal li ghalkemm is-socjeta attrici qalet li fis-sentejn 2002/2003 is-sistema kienet popolari, fil-fatt il-bejgh f'dawk is-sentejn naqas. Ghalhekk mhux car jekk l-bejgh zdied jew naqas minhabba s-sistema semi-awtomatika billi s-sistema hemm kienet anke qabel dawk is-sentejn. Jidher li hemm fatturi ohra li setghu inflwenzaw il-bejgh.

**Talba**

Illi s-socjeta rikorrenti qed titlob li dina l-Qorti tiddikjara illi l-agir antikompetittiv u diskriminatorju tal-intimati jew min minnhom ikkawzalha danni konsistenti inter alia izda mhux limitatament f'telf ta' kummissjoni u profitti.

**Eccezzjonijiet preliminari**

**Legittimu Kontradittur**

Illi l-Korporazzjoni Enemalta wiegbet li hi mhijiex sindakabbli u lanqas ma hija responsabbli ghall-ebda danni billi ma ppromulgat l-ebda ligi b'referenza ghal Avviz Legali 102 tal-2002.

Il-GRTU eccepiet illi hija mhijiex il-legittima kontradittur stante illi l-ebda ftehim milhuq bejnha u l-Korporazzjoni ma kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta rikorrenti.

Il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kuntradditur f'din il-kawza stante (1) illi l-mansjoni tieghu ma tinkludix il-gestjoni u l-operat ta' pompa tal-petrol; (2) a termini tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili mhux hu kien ippromulga l-avvizi legali fl-2002 u 2006 imma l-Ministru responsabbli ghall-kummerc; (3) u li hu qatt ma kien partecipi fil-ftehim bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-GRTU. L-intimat isemmi wkoll li ma saret ebda azzjoni mis-socjeta rikorrenti biex jigi dikjarat li l-imsemmija ligijiet huma diskriminatorji, antikompetittivi u ghalhekk nulli.

Illi l-intimati kollha ghandhom personalita guridika awtonoma u ghaldaqstant kull azzjoni jew decizjoni li hadu u li biha s-socjeta rikorrenti ntlaqtghet negattivament ghandhom jirispondu ghaliha huma skond il-ligi.

Illi huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jiddemostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persona hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta’ parti f’kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta’ prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f’dak li minnu qeghda tilmenta l-attrici, cioe jekk bl-agir tieghu holoqx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mill-attrici (**Grace Sacco vs Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex et**, 16/10/2007).

Illi l-Korporazzjoni Enemalta qed issostni li qabel is-sena 2004 hija setghet tidhol fi ftehim anke antikompetittiv mal-GRTU u ma kinitx tkun qed tikser l-ligi. Hi ma emanatx il-ligi li setghet wasslet ghall-effetti anti-kompetittivi minhabba regim regolatorju implimentat mill-Ministru responsabbili permezz tal-Avviz Legali 102/2002. Illi fil-fehrna tal-Qorti ghalkemm l-Korporazzjoni ma ppromulgat ebda ligi izda l-istess ligi inkorporat l-istess ftehim antikompetittiv li ghamlet il-Korporazzjoni u l-ligi saret fl-interess taghha u gawdiet minnha hija. L-azzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti titratta l-kwistjoni dwar l-ghoti ta' kummissjoni inqas mill-Korporazzjoni lil dawk id-distributuri li ma juzawx is-sistema awtomatika wara certu hinijiet u fil-festi u l-Hdud, Il-Korporazzjoni rabtet l-eligibilita ghal hlas ta' certa kummissjoni mal-mod ta' distribuzzjoni tal-karburant b'konsegwenzi finanzjarji negattivi ghas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk il-Korporazzjoni trid twiegeb ghal dan l-allegat agir antikompetittiv li kkawza danni lis-socjeta rikorrenti.

L-istess trid twiegeb l-GRTU li kienet parti f'dan il-ftehim antikompetittiv li kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta rikorrenti, u bil-ftehim li hija ghamlet mal-Korporazzjoni Enemalta intralcjat fid-drittijiet tar-rikorrenti milli tezercita d-drittijiet privati taghha f'suq liberu u giet prekluza milli tinnegozja liberament il-kummissjoni dovuta lilha mill-Korporazzjoni.

L-intimat Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ghandu jwiegeb ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi anke jekk jista' jaghti l-kaz li huwa ma harigx direttament il-ligi antikompettitiva, xorta wahda hu qieghed imharrek bhala l-Ministru responsabbli mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi, li hija wkoll intimata f'din il-kawza. Il-Ministru japprova l-policies mentri l-Awtorita hija r-regolatur. Jigi rilevat li mhux necessarju li l-intimat jopera fisikament il-pompi tal-petrol jew li jkun parti fil-ftehim bejn l-Enemalta u l-GRTU biex fir-rwol tieghu jkun responsabbli wkoll li kien partecipi fl-agir diskriminatorju u antikompetittiv. (Jigi notat li f'dina l-kawza dan l-intimat la xehed u lanqas ressaq provi in sosten ta' dak li sostna).

Ghalkemm l-Awtorita dwar ir-Rizorsi formalment ma tatx l-eccezzjoni li hija mhijiex il-legittimu kontradittur, fl-eccezzjoni taghhahija hija sostanzjalment qed tghid l-istess haga meta wiegbet li hi ma tistax tinzamm responsabbli flimkien jew in solidum mal-

konvenuti l-ohra ghal kwalunkwe operat tal-konvenuti li jista' jigi dikjarat bhala llegali jew illecitu, anzi hija tghid li agixxiet u qdiet il-funzjonijiet taghha entro l-parametri u drittijiet legali taghha u in buona fede.

Tiddefendi ruhha billi tghid ukoll li ma kellha ebda mekkanizmu biex tenforza id-decizjoni taghha u li ma setghetx tagixxi awtonomament minhabba l-mizuri legislattivi mghoddija.

Illi jirrizulta li l-Awtorita kienet ingibditilha l-attenzjoni taghha mis-socjeta rikorrenti ghal ksur li kien qed isir u hija kienet indikat lis-socjeta rikorrenti li kienet se tipprocedi biex titutela d-drittijiet taghha billi infurmatha (ara Dok. H11 a fol. 56) li, "the Authority is in the process of over-viewing the whole regulatory regime of petrol stations, and it is our intention that the provisions included in the said Regulations relating to commercial activities regulated by MRA would be reviewed and incorporated in legislation subsidiary to the MRA Act as due. The implementation of the new regime is forseen to be in the short term". Minflok, l-agir antikompetittiv gie konsolidat f'ligi u nonostante l-weghda tal-Awtorita li tirregola s-sitwazzjoni ghadda perijodu ta' zmien twil u l-Awtorita baqghet inattiva. Ghalhekk anke l-Awtorita trid twiegeb ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi bhala Awtorita regolatrici mwaqqfa bil-ligi, b'posizzjoni awtonoma, bl-inattivita taghha naqset li razzan l-kompetizzjoni ngust fis-suq, kif kien dover taghha li taghmel u taghti rimedju effettiv lis-socjeta rikorrenti.

**It-talbiet tal-atturi kellhom jigu preceduti b'talba specifika ghal sejbien ta' responsabilita**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-Korporazzjoni Enemalta tghid li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti kif proposti huma nulli u insostenibbli billi kwalunkwe talba kellha tkun fl-ewwel lok preceduta b'talba ghal dikjarazzjoni li l-Korporazzjoni intimata kienet responsabbli civilment ta' delitt, billi tali responsabilita trid tigi stabbilita awtonomament f'dawn il-proceduri civili u bl-ebda mod ma tista' tigi dedotta jew aghar mehuda bhala stabbilita minn process awtonomu iehor, penali jew amministrattiv, kif ipproponiet is-socjeta attrici fir-rikors promotur.

Illi l-proceduri li fid-dawl taghhom saret din il-kawza, kienu dawk quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, u ghalhekk ma tapplikax l-analogija li qed issir mill-Enemalta meta tghid li sejbien ta' htija fi procedura wahda ma jwassalx bilfors ghal sejbien ta' htija fil-procedura l-ohra,

In generali, jista' jinghad li skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati ma hemm xejn hazin li gudikant f'process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali, u fil-fatt jinghad ukoll li fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Ovvjament, minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (Vol. XXV.I.689; Vol. XXXIX.II.768; **Xuereb vs Micallef**, App 26/11/1923; **Abela vs Bonnici**, 23/01/1958; **Briffa vs Abela**, 28/03/2003 u **Caruana vs Ministeru tal-Ambjent et**, PA 07/07/2004).

Fi kwistjonijiet ta’ responsabbilta mnissla minn ghemil jew nuqqas ta’ ghemil mistenni, kull persuna twiegeb ghall-hsara li ssehh bi htija taghha. Din ir-responsabilta hija kuntrattwali jew delittwuza. Fil-kaz ta’ ksur ta’ dritt taht il-ligi ta’ kompetizzjoni, l-azzjoni hija wahda delittwuza. Ma hemmx biss is-sanzjoni amministrattiva taht il-ligi tal-kompetizzjoni imma hemm lok ukoll ghal possibilta ta’ azzjoni ghad-danni.

Kwantu ghan-necessita ta' dikjarazzjoni ta' responsabilita, jinghid fil-kawza **Zammit vs Zammit Tabona** (App 06/03/1996) li "id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu mhemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi, izda huwa bizzejjed li ssir talba biex tigi moghtija kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-prattika kostanti tal-Qrati taghna". Din id-dikjarazzjoni, is-socjeta rikorrenti talbitha u ppremettitha ghall-att tac-citazzjoni (ara fol. 8).

Imbaghad skont il-Kap. 379 fl-artikolu 27 applikabbili (qabel gie emendat fl-2011) kien hemm provvdut li meta quddiem xi Qorti ta' gurisdizzjoni civili jigi allegat li xi ftehim jew decizjoni huma nulli u mhux ezegwibbli skont l-artikolu 5 u meta jigi allegat li jkun hemm abbuz minn pozizzjoni dominanti, skont l-artikolu 9 dik il-Qorti

ghandha tissospendi l-proceduri u tirriferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni li jkollha d-dritt li tiddetermina l-kwistjonu u l-Qorti ghandha tiddeciedi l-kwistjoni skond id-decizjoni tal-Kummissjoni.

Illi ghalhekk skond l-istess artikolu meta l-kwistjoni ta' kompetizzjoni mqajma quddiem il-Qorti tkun diga giet deciza taht id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att u dik id-decizjoni tkun saret res judicata, il-Qorti ghandha ssegwi dik id-decizjoni.

Illi l-intimat Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ssottometta wkoll li ma saret ebda azzjoni biex il-ligjijiet in kwistjoni jigu dikjarati nulli.

Il-Qorti tirrileva li mkien fl-eccezzjonijet tieghu, dan l-intimat ma ressaq formalment eccezzjoni simili hlief li qajjem dan il-punt fin-nota responsiva tieghu b'mod li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex l-opportunita li twiegeb ghal dik is-sottomissjoni. Kif gie osservat fil-kawza **Anthony Cristina pro et noe vs Eleonora Mizzi et** deciza fis-27 ta' Marzu 2003: "

> Din il-Qorti ... hija tal-fehma li argument u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lil Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'.

Illi ghal kull buon fini, jigi rilevat li diga gie dikjarat li l-agir tal-intimati hu diskriminatorju u antikompetittiv f'forum iehor u ghalhekk mhux necessarju li s-socjeta rikorrenti tottjeni dikjarazzjoni ta' nullita tal-ligijiet imsemmija biex hija tkun tista' tfittex ghad-danni. Ligi tista' tkun valida imma fl-istess hin tintuza b'mod diskriminatorju u antikompetittiv minghajr il-bzonn li tigi dikjarata nulla.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti s-socjeta rikorrenti setghet tippremetti fir-rikors guramentat taghha li kellha provi bizzejjed, u dana mhux biss bis-sentenza tal-Kummissjoni izda sostnuta wkoll ex novo quddiem din il-Qorti b'dokumentazzjoni u bi provi viva voce u affidavits, li jwasslu biex jigi konfermat l-agir antikompetittiv u diskriminatorju da parti tal-intimati liema agir ikkawza danni lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif proposti la huma nulli u lanqas insostenibbli.

Issir hawn referenza wkoll ghal dak sottomess mill-intimata Korporazzjoni Enemalta fejn iddikjarat li s-socjeta rikorrenti nqabdet f'paradoss legali kbir ghax qed tivvanta telf ta' qliegh fuq ftehim li gie attakkat u mxejjen. Il-Qorti tirrileva li dan jikkunstrasta ma' dak sottomess mill-intimat l-iehor Ministru tar-Risorzi li ssottometta li r-rikorrenti ma annullawx il-ftehim u l-ligi li tinkorpora dak il-ftehim. Illi s-socjeta rikorrenti f'dan il-kaz qed titlob telf ta' qliegh li kien imiss lilha li kieku ma kienx ghal ftehim u ligi li gew imposti fuqha kontra l-ligi.

**Preskrizzjoni**

Il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet ukoll li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2154(1) tal-Kap. 16 u tal-artikolu 27 (proprjament 26) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni Kap. 379.

Dawn l-artikoli jghidu hekk:

> 2153. L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.
>
> 2154(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal- hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 2153 ma japplikax ghax il-hsarat huma kagunati b'reat waqt lil l-artikolu 2154(1) jipprovdi li l-azzjoni civili ghal hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. Issa li l-artikolu 26 tal-Kap. 379, li kien japplika qabel l-emendi tal-2011 fl-Att tal-Kompetizzojni, kien jaghmel referenza ghal perjodu preskrittiv ta' hames snin. L-Att dwar il-kompetizzjoni jirrikonoxxi illi agir antikompetittiv huwa ta' natura kriminali u jista' jaghti lok ghal proceduri kriminali.

L-artikolu 26 tal-Kap. 379 jipprovvdi li: "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra, azzjoni kriminali ghal reati taht dan l-Att hija preskritta bl-eghluq ta' hames snin".

Ghalhekk it-terminu preskrittiv li japplika f'dan il-kaz huwa dak ta' hames snin.

Illi l-artikolu 26A(2) tal-Kap. 379 jghid li l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekkorri mid-data li fiha jsir il-ksur. Madankollu, fil-kaz ta' ksur kontinwu jew ripetut, dan il-perjodu ghandu jibda jiddekkorri mid-data li fiha jieqaf l-ksur, Issa f'dana l-kaz is-socjeta rikorrenti tallega li l-agir antikompettiv u diskriminatorju gie stabbilit kemm mill-Ufficcju tal-Kummerc Gust kif ukoll mill-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust u ghadu jippersisti sallum billi l-Korporazzjoni ghadha ma tridx toqghod ghad-Direttiva li nharget kontra taghha.

Kif inghad fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Portelli vs Attard** deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux deterrninati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qeghda kontinwament issir, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jigi "interrott", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir. Illi f'dan il-kaz id-danni kagjonati lis-socjeta rikorrenti jemanu kemm mil-ftehim milhuq bejn l-Enemalta u l-GRTU kif wkoll mill-ligijiet li nkorproaw dan l-istess ftehim.

Inoltre skond l-artikolu 26A(4) tal-Kap. 379 il-perjodu ta' preskrizzjoni jigi interott meta jkun hemm proceduri mibdija quddiem awtorita nazzjonali tal-kompetizzjoni[1]. Issa f'dan il-kaz is-socjeta rikorrenti agixxiet kontra l-intimati quddiem l-awtoritajiet nazzjonali u dawn sabu li kien hemm agir antikompettiv u diskriminatorju. Id-decizjoni tal-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust inghatat fil-29 ta' Marzu, 2010. (Jigi notat li l-Korporazzjoni wara dina d-decizjoni fethet kawza kontra il-Kummissjoni 938/2010AF (ara fol. 165) biex tigi dikjarata nulla d-decizjoni imsemmija tad-29 ta' Marzu 2010. Dina l-kawza giet deciza kontra l-Korporazzjoni Enemalta fid- 9 ta' Ottubru 2014 u prezentement qeghda fl-istadju tal-appell, liema appell ghadu mhux appuntat).

Is-socjeta rikorrenti kienet ipprezentat ittri ufficjali fit-30 ta' Mejju 2009 u fl-10 ta' Gunju 2010 (Dok. H21 u Dok. H22 a fol. 126 u 127) u l-kawza giet prezentata fil-31 ta' Jannar 2011 ghalhekk it-terminu preskrittiv ta' hames snin gie interrott kemm ghax saru ittri ufficjali li interrompew il-preskrizzjoni kif ukoll ghax kien hemm proceduri

[1] Decizjoni tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta tat-2 ta' Dicembru, 1999; Decizjoni tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi tal-24 ta' Settembru, 2002 u Direttiva 7 ta' Novembru, 2002; Decizjoni tal-Ufficcju tal-Kummerc Gust f'Malta tas-17 ta' Marzu, 2009; Decizjoni tal-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust tad- 29 ta' Marzu, 2010.

quddiem l-Awtoritajiet nazzjonali. In oltre il-ksur ghadu jippersisti sallum ghalhekk il-preskrizzjoni qiesa qatt ma bdiet tiddekorri.

L-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

**Agir antikompetittiv u diskriminatorju**

Illi mill-10 ta' Mejju 2000 sad-9 ta' Awwissu, 2010 s-socjeta rikorrenti kienet topera petrol station gewwa Haz-Zabbar minn fejn kienet tbiegh il-karburant, partikolarment diesel u petrol u prodotti ohra simili li hi kienet tixtri minghand il-Korporazzjoni intimata. Il-Korporazzjoni kienet tikkoncedi lill-pompi tal-petrol kummissjoni ghal kull litru mixtri mill-prodotti taghha.

F'dina l-kawza s-socjeta attrici qed titlob id-danni minhabba agir antikompetittiv u diskriminatorju da parti tal-Korporazzjoni Enemalta.

Skont il-provi prodotti dan l-agir jikkonsisti fil-fatt li s-socejta rikorrenti, u qabilha Velga Brothers Ltd, kienet topera pompa tal-petrol b'sistema semi awtomatika fejn il-konsumatur kien jimla l-petrol jew diesel imbaghad ihallas lill-kaxxier li jkun fil-pompa ghal dan il-ghan biss. Din is-sistema rrizultat popolari mal-konsumatur u giet registrata zieda fil-bejgh ghas-socjeta rikorrenti. Il-Korporazzjoni intimata sostniet li dina s-sistema ma kinitx konformi mal-kondizzjonijiet tal-ftehim li kien hemm bejnha u l-GRTU u ghalhekk hija insistiet mas-socjeta rikorrenti li jekk hija ma tikkonformax ruhha mal-ftehim imsemmi ma kinitx ser tircievi l-kummissjoni shiha miftiehma. Din is-sitwazzjoni tat lok ghal diversi azzjonijiet u kawzi biex jigi dikjarat li l-posizzjoni li hadet il-Korporazzjoni kienet antikompetittiva u diskriminatorja.

Bhala prova li l-agir tal-Korporazzjoni kien antikompetittiv u diskriminatorju s-socjeta rikorrent ressqet dawn il-provi:
Velga Brothers Limited, li precedenti ghas-socjeta rikorrenti, kienet topera dina l-pompa tal-petrol, kienet intavolat ilment quddiem l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u fit-2 ta' Dicembru, 1999, li kien iddecieda li l-azzjoni li sar ilment dwarha ghandha titqies bhala antikompetittiva u projbita ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 [ara Dok. H2].

Fit-13 ta' Settembru, 2001, is-socjeta rikorrenti, ipprezentat ilment mal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi bhala ir-regolatur ai termini tal-Kapitlu 423 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. H3, 4 u 5) u fl-24 ta' Settembru, 2002 din iddecidiet (ara Dok. H6) illi l-Korporazzjoni Enemalta kellha thallas lir-rikorrenti l-kummissjoni shiha "for as long as the Complainant offers a 24-hour service to the consumer, irrespective of the mode of operation of such a service". Fis-7 ta' Novembru, 2002 l-Awtorita harget direttiva kontra I-Korporazzjoni intimata u ordnatilha biex ma tibqax tiddiskrimina bejn metodi ta' distribuzzjoni u sabiex thallas lir-rikorrenti l-istess kummissjoni Ii kienu qed jithallsu il-pompi Ii juzaw is-sistema awtomatika.

Minflok ma kkonformat mad-direttiva, il-ftehim antikompetittiv rigward hinijiet tal-ftuh u l-modalita tas-servizz gie nkorporat f'Avviz Legali 102 tal-2002 (Dok. H9). Dan l-Avviz Legali gie sussegwentement sostitwit bl-Avviz Legali 1 tal-2006, illi baqa' jirrifletti l-ftehim antikompetittiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u I-GRTU.

Minhabba f'hekk, u billi kienu qed jittiehdu passi kriminali kontra d-diretturi tas-socjeta rikorrenti abbazi tal-Ligi Ii kienet dahlet in vigore u anke huma gew mheddha Ii l-pompa kienet ser tigi maghluqa, d-diretturi tas-socjeta rikorrenti ffirmaw dikjarazzjoni under protest Ii kienu se joqghodu mal-ftehim Ii kien hemm dwar hinijiet u modalita tas-servizz.

Fil-2005 is-socjeta rikorrenti ressqet l-ilmenti lill-Kummissjoni Ewropea (Dok. H15) Ii pero stednitha sabiex l-ewwel tirraporta lill-Ufficcju tal-Kummerc Gust f'Malta (ara Dok. H16). Tressaq ghalhekk l-ilment quddiem l-Ufficju tal-Kummerc Gust fl-4 ta' Jannar, 2006 (Dok. H17) u dwar dan inghatat decizjoni fis-17 ta' Marzu, 2009 (Dok. H18). Kemm is-socjeta rikorrenti kif ukoll l-Korporazzjoni Enemalta talbu Ii decizjoni tigi ssottomessa ghall-istharrig tal-Kummissjoni Ghall- Kummerc Gust.

Illi b'decizjoni moghtija fid-29 ta' Marzu, 2010 fl-Ilment 1/2009) (Dok. H19) il-Kummissjoni kkonfermat is-sentenza tal-17 ta' Marzu, 2009 tal-Ufficcju tal-Kummerc Gust.

Kwindi hemm il-prova tal-agir antikompetittiv fil-konfront ta-socjeta attrici. Din id-decizjoni giet attakkata mill-Enemalta pero gie konfermata mill-Prim Awla fid-9 ta' Ottubru 2014 ghalkemm l-Enemalta appellat minn dan il-gudikat li ghadu pendent.

**Danni**

Illi s-socjeta rikorrenti tillanja li bhala konsegwenza diretta tal-agir diskriminatorju u antikompetittiv tal-Korporazzjoni Enemalta u GRTU u tal-inattivita tal-Ministru u l-Awtorita intimati li agevolaw dan l-agir, il-kumpanija rikorrenti ssostni li sofriet- danni li jikkonsistu f'nuqqas ta' hlas ta' kummissjoni shiha mill-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll f'telf ta' bejgh illi wassal ghal telf ta' profitti u kummissjoni. Dan it-telf jirrizulta meta wiehed iqabbel il-volum ta' bejgh bis-sistema fully automatic ma' dak bis-sistema semiautomatic li kienet popolari mal-konsumaturi.

Il-Korporazzjoni Enemalta laqghet ghal dina t-talba billi qalet li din it-talba hija legalment insostenibbli billi s-socjeta rikorrenti ma tistax fl-istess nifs tmexxi biex tannulla l-ftehim tan-1997 imbaghad f'din l-istanza titlob il-hlas tal-kummissjoni spettanti lilha taht dak l-istess ftehim. Il-allegat agir antikompetittiv jemana minn dan il-ftehim li fih l-istess socjeta rikorrenti kienet parti u liema s-socjeta rikorrenti ma kienx baqa' jogghobha aktar ghaliex il-makkinarju li gabet biex topera taht dak il-ftehim kien difettuz.

**Ordni tal-ezenzjoni**

Illi l-ftehim tal-1997 bejn l-Enemalta u l-GRTU gie ezegwit fi zmien meta l-Enemalta ma kinitx sindakabbli taht il-ligi tal-Kompetizzjoni. Il-Kap. 379 promulgat bl-Att XXXI tal-1994 beda japplika ghall Korporazzjoni rikorrenti mill-1 ta' Mejju 2004 bis-sahha tal-Avviz Legali 331 tal-2004 wara li bih thassret l-Ordni tal-Ezenzjoni pubblikat bl-Avviz Legali 144 tal-2002. Dan huwa rikonoxxut mill-kontendenti kollha f'din il-kawza u huwa anke rikonoxxut mill-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust fid-decizjoni taghha moghtija fis-29 ta' Marzu 2010 u fis-sentenza Velga Bros vs Enemalta deciza mill-Prim Awla fit-8 ta' Novembru 2004.

Illi ghalhekk sa Mejju 2004 il-Korporazzjoni intimata ma setghetx bil-ligi tinsab responsabbili ghal agir antikompettiv u ghalhekk ghal ebda talba ghal danni.

Jirrizulta li sas-sena 2003 is-socjeta rikorrenti kienet tuza s-sistema semiawtomatika fid-distribuzzjoni tal-karburant. Fil-27 ta' Marzu 2003 s-socjeta rikorrenti kellha tiffirma ftehim mal-Enemalta u minflok bih bdiet tuza s-sistema awtomatika. Dan il-ftehim gie ffirmat under protest u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti kienet iffirmat dan il-ftehim billi kien qed ikollha raids mill-pulizija, proceduri kriminali fil-Qorti, theddid li se tinghalqilha l-pompa, u li l-Enemalta ma kinitx se thallasha l-commission shiha.

Is-socjeta rikorrenti ppremettiet li s-sistema semiawtomatika li hija kienet tuza kienet wahda popolari mal-konsumaturi u kellha zieda fil-bejgh tal-karburant. Ghalhekk meta l-Korporazzjoni illegalment gieghlitha tibdel is-sistema li kienet qed tuza, hija bdiet ikollha telf fil-profitti u kummissjonijiet.

**Kalkolazzjoni tad-danni**

IIli l-kalkoli li ghamel l-awditur tas-socjeta rikorrenti, Briana Spiteri, huma bazati fuq il-kotba tas-socjeta rikorrenti ghal-perjodu 1/6/2000 u 31/8/2010 (ara Dok. BS1 sa 4). Hu jghid li l-medja ta' bejgh fil-perjodu meta kienu qed juzaw is-sistema semiawtomatika kien ta' 14,004 litru kuljum u l-medja ta' bejgh fuq l-awtomatic kien ta' 12,048.52 litru kuljum, b'differenza ta' 1956 litru kuljum. Jekk timmultiplika l-ammont bir-rata ta' commission ta' Lm0.0197 dan iwassal ghal Lm14,056.15 jew €32,742.02 fis-sena u ghal perjodu 2003-2010 (perjodu minn meta s-socjeta attrici giet mgieghla taqleb ghas-sistema automatic sakemm bieghet il-pompa) iwassal ghal Lm104,249.78 jew € 242,836.66.

L-MRA tghid li l-kalkolu li ghamel Brian Spiteri mhuwiex korrett u jirrizulta li fir-rigward tal-bejgh mill-pompa bejn is-snin 2000 u 2003 (is-snin meta suppost dina s-sistema kienet popolari mal-konsumatur), il-bejgh f'dawn is-snin fil-fatt naqas u mhux zdid. Tghid li l-volum tal-bejgh kien diga qed jizdied minn 1995 sa 2001. Ghalhekk rnhux car jekk l-bejgh zdiedx jew naqasx minhabba s-sistema semiawtomatika anke wkoll ghax din is-sistema kienet diga hemm qabel dawk is-sentejn. Isostni li seta'

kien hemm fatturi ohra li nflwenzaw il-bejgh. Inoltre t-trajettorja axxendenti tal-bejgh kienet ilha ghaddejja s-snin u ma kinitx direttament attribwibbili ghall-fattur imsemmi mis-socjeta rikorrenti. L-MRA tispjega wkoll li ma ghandekx tqabbel il-medja tal-bejgh aggregat ghal tliet snin biss (2000-2003) mas-seba' snin ta' wara (2003-2010), imma ikun aktar statistikament korrett li tqabbel l-istess numru ta' snin biex jitnaqqas ir-riskju li jintaghzlu data points li jirrendu l-medja bhala assimetrika. Ghalhekk ikun aktar gust li jigi kkumparat medja ta' bejgh aggregat ghal perjodu ta' zmien ugwali, igifieri bejn 1/1/1995 u 31/12/2002 u 1/1/2003 u 31/12/2010 (ara Dok. PC3). Huma qabblu s-seba' snin ta' qabel ma dahlet is-sistema awtomatika mas-seba' snin ta' wara. Tikkonkludi li fil-fatt irrizulta li ma kienx hemm tnaqqis fil-medja tal-bejgh aggregat bejn iz-zewg perjodi ta' zmien, anzi kien hemm zieda fil-bejgh medju aggregat.

Illi fil-fehma tal-Qorti jirrizulta li s-sistema semiawtomatika li kienet tuza s-socjeta rikorrenti effettivament kienet popolari mal-konsumaturi u affettwat l-introjtu tas-socjeta rikorrenti. Tant hu hekk li l-konkorrenti tas-socjeta rikorrenti bdew ihossu l-effetti ta' dina l-konkorrenza u kellhom jirrikorru ghand il-GRTU li minn naha taghha avvicinat lill-Korporazzjoni biex timponi mizuri biex jekk is-socjeta rikorrenti tibqa' thaddem xi impjegat biex jassisti lill-konsumatur fil-granet u hinijiet indikati, din ma kellhiex tirceviex l-kummissjoni mwieghda. Kieku verament is-socjeta rikorrenti kienet qed taghmel telf f'dak il-perjodu, kif xehed Philip Caruana, kieku l-kwistjoni kollha ma kinitx tinqala u l-konkorrenti tas-socjeta rikorrenti ma kienx ikollhom ghalfejn jirrikorru ghand il-Union imbaghad ghand il-Korporazzjoni biex iwaqqfu lis-socjeta rikorrenti milli tkompli tuza dik is-sistema. Illi mill-kalkoli li ghamlet is-socjeta rikorrenti fuq il-figuri li kellha sabet li f'dak il-perjodu hija tilfet il-flus.

Illi minn dawn il-kalkoli li ghamel Brian Spiteri jirrizulta li d-differenza fil-bejgh kienet ta' 1956 litru kuljum u dan ma giex kontestat. Jigi rilevat li s-sistema semiawtomatika kienet tintuza wkoll fis-snin 2000 u 2001 meta kien hemm l-ghola bejgh ta' karburant. Kien meta s-socjeta rikorrenti giet mgieghlha tibdel is-sistema li kienet qed tadopera li beda jigi notat in-nuqqas ta' profitt, apparti t-tehied imsemmi aktar fuq dwar kummissjoni u gheluq tal-pompa. Ghalhekk jekk jigi multiplikat l-ammont ta' 1956 bir-rata ta' commission ta' Lm0.0197 dan iwassal ghal Lm14,056.15 jew €32,742.02 fis-

sena u ghal perjodu April 2003 - Awwissu 2010 iwassal ghal Lm104,249.78 jew €242,836.66.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi l-agir antikompetittiv u diskriminatorju tal-intimati kkawza danni lis-socjeta rikorrenti; tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' €242,836.66; tikkundanna lill-intimati jhallsu solidament[2] bejnithom lill-kumpanija rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Mejju 2009 u tal-10 ta' Gunju 2010 u bl-imghax legali kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur

[2] Artikolu 115(1) Kap. 13: Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kodebituri huma obbligat in solidum